MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 44/2024 LM

**Mark Muscat (K.I. Numru 0281378(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Ngatt Consultancy Services Ltd (C 82471)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **NGatt Consultancy Services Ltd (C 82471)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mill-'Interpretazzjoni ta' Deċiżjoni' mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-10 ta' Mejju, 2024, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru.

4061/JB, li ġiet ippreżentata fil-konfront tagħha mir-rikorrent **Mark Muscat (K.I. numru 0281378(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg *full-time* tal-appellat minn mas-soċjetà appellanta b'effett mill-4 ta' Marzu, 2022, liema terminazzjoni saret mill-istess soċjetà appellanta allegatament mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi.

**Mertu**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fis-27 ta' April, 2022, permezz ta' rikors, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"i. Jiddikjara u jiddeċiedi illi r-rikorrent ġie mkeċċi mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi;*
>
> *ii. Jillikwida kumpens ġust għar-rikorrent minħabba t-tkeċċija inġusta;*
>
> *iii. Jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrent."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-27 ta' Mejju, 2022, fejn filwaqt li fissret il-verżjoni tagħha ta' dak li kien ġara bejn il-partijiet, hija ċaħdet l-allegazzjonijiet magħmulin mill-appellant bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u talbet sabiex it-talbiet tiegħu jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrih.

**Id-Deċiżjoni tat-Tribunal**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Awwissu, 2023:

*"KUNSIDERAZZJONIJIET*

*Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tas-Sur Mark Muscat kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-liġi. Dan għamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajma matul dan il-proċess, u dan kif sponuti mix-xhieda, id-dokumenti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet finali tal-Avukati.*

*It-Tribunal isostni li t-tkeċċija mix-xogħol għandha tkun* 'the very last resort'*, u jekk issir tkeċċija, din għandha ssir wara li l-persuna konċernata tingħata kull opportunità li tingħata smigħ kif jixraq, imparzjali, u li jkollha opportunità ċara li tiddefendi ruħha, anke jekk hemm bżonn b'għajnuna legali. Fil-każ ta' Mark Muscat, dan qatt ma sar u t-Tribunal iqis dan l-atteġġjament min-naħa tas-soċjetà intimata bħala nuqqas serju. Tkeċċija trid tkun għal raġunijiet gravi biżżejjed u serji, għandu jkun hemm proċessi dixxiplinarji formali u b'opportunità li kull min ikun qed jiġi akkużat jingħata kull ċans li jiddefendi ruħu.*

*It-Tribunal għandu sitwazzjoni quddiemu fejn ir-rikorrent kien impjegat* part-time *mas-Soċjetà Intimata, iżda l-istess rikorrent kien impjegat* 'part-time' *ma' entitajiet oħra. Dwar dan ix-xogħol estern tar-rikorrent, is-Soċjetà kienet totalment konxja ta' dan u qatt ma sabet oġġezzjoni jew kunflitt ta' interess potenzjali. Fix-xhieda tiegħu fit-28 ta' April, 2023, ir-rikorrent jistqarr li, "*mill-bidunett kienu jafu bih dan ix-xogħol tal-UEFA. U mhux talli hekk, talli jiena wkoll kellimt lil UEFA biex nieħu parir biex nara eżattament nistax nagħmlu dan ix-xogħol u tawni l-go ahead. Kien hemm ukoll drabi fejn jien kont niġi mitlub minn diriġenti ta' NGATT Consultancy Services biex nakkwista biljetti għalihom." *Stante illi dan ma kienx kontradett mill-intimati, huwa evidenti illi dan kollu kien qed isir bil-kompjaċiment tagħhom.*

*Il-problemi jidher li nqalgħu biss meta r-rikorrent kien fuq xogħol tal-UEFA matul l-Arab Cup ġewwa l-Qatar. Hawnhekk ir-rikorrent kellu diversi problemi ta' konnettività u sabiex ma jinqatax kemm jista' jkun, tella' kont ta' erba' mitt Euro sabiex ta' sikwit ikollu konnessjoni ta' Internet u jibqa' disponibbli. Ir-rikorrent qatt ma ġie kkumpensat mis-Soċjetà Intimata għal dawn l-ispejjeż. It-Tribunal jemmen bis-sħiħ li l-mawra li kellu r-rikorrent fuq ix-xogħol l-ieħor* part-time *ma kellhiex tnaffar b'xi mod ix-xogħol*

> *siewi li r-rikorrent kien ilu jagħmel mal-kumpannija intimata sa minn Diċembru 2019. Inoltre, it-Tribunal huwa konvint li l-prestazzjoni lavorattiva tar-rikorrent kienet* in linea ġenerali *waħda tajba u sodisfaċenti."*

**'Interpretazzjoni ta' deċiżjoni'**

6. Fuq appell intavolat mill-appellat, din il-Qorti ordnat li *'l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan ai termini tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi'*. It-Tribunal spjega s-segwenti:

> *"Ra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Mark Muscat (K.I. nru. 281378M) ('l-appellat') vs. N. Gatt Consultancy Services Limited (C82471) mogħtija fit-3 ta' April, 2024;*
>
> *Ħa konjizzjoni tas-sentenza ta' appell surriferita fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:*
>
> Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tilqa' t-tielet aggravju tagħha, u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan ai termini tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jagħraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi."
>
> *Għaldaqstant u in ossevanza tal-istess, it-Tribunal jiddikjara kif ġej:*
>
> *Fid-deċiżjoni appellata, it-Tribunal kien stabilixxa s-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt (18,600) ewro bħala l-kumpens li kellu jingħata għat-terminazzjoni inġusta tal-impjieg tar-rikorrenti.*
>
> *It-Tribunal wasal għal din is-somma msemmija wara li ħa konsiderazzjoni tad-danni reali sofferti mill-impjegat, telfien ieħor li sofra riżultat tat-terminazzjoni tal-impjieg, kif ukoll ċirkostanzi oħra inkluż l-età u l-ħiliet tiegħu li jaffettwaw il-potenzjal lavorattiv tiegħu.*
>
> *Mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, kien jirriżulta illi r-rikorrent tkeċċa mill-impieg f'Marzu 2022 wara li ġie mċaħħad milli jingħata kuntratt ta' xogħol. Konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni, ir-rikorrent sofra telfien ta' paga li baqa'*

*jipperdura sad-data tad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal u ċioe sal-21 ta' Awwissu, 2023. Dan ifisser perijodu ta'* più o meno, *sbatax-il xahar.*

*It-Tribunal ikkonsidra illi l-impjieg in kwistjoni kien il-*main employment *tar-rikorrent u s-sors ewlieni ta' introjtu tiegħu. Konsegwenza t'hekk, evidentement tpoġġa f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ekonomiku anki għaliex ma setgħax jidħol għal self minn bank fuq xiri tar-residenza tiegħu u kellu jidħol f'kera. Ir-rikorrenti kien qal ukoll li anke jekk qatt ma ngħata mezzi telefoniċi jew kompjuter għall-użu tax-xogħol tiegħu, kien kostrett juża t-tagħmir personali tiegħu. Madanakollu, t-Tribunal qies ukoll illi r-rikorrent għadu relattivament żgħir fl-età, għandu kapaċitajiet u esperjenzi ta' xogħol validi u allura ċertu prospetti ta' impjieg.*

*Meta t-Tribunal evalwa kollox, qies illi għandu jikkwantifika l-kumpens għat-tkeċċija inġusta fuq it-telf attwali li sofra l-impjegat bin-nuqqas tad-dħul mill-perijodu tat-tkeċċija sad-data tal-għoti tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Fil-komputazzjoni tiegħu, t-Tribunal qies il-paga netta tar-rikorrent u minn dan l-ammont naqqas l-ekwivalenti ta' xahrejn paga. Fil-komputazzjoni tiegħu t-Tribunal kien ċirkoskritt minn dawk il-provi illi attwalment kienu tressqu quddiemu."*

## <u>L-Appell</u>

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-21 ta' Mejju, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tilqa' dan l-appell tagħhom u tirriforma d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-23 t'Awwissu 2023 fejn tikkonċerna biss il-likwidazzjoni tad-danni, hekk kif spjegata ulterjorment permezz tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-10 ta' Mejju 2024, u għar-raġunijiet hawn imfissra* ***tirriforma l-kumpens likwidat minn €18,600 għal €6,250*** *rappreżentanti s-somma ta' €1,250 għall-ħames xhur bejn Marzu 2022 u Awwissu 2022. Bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-istess appellat Mark Muscat".*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li dak li qal it-Tribunal jikser mhux biss is-subinċiż (2a) tal-artikolu 81 tal-Kap. 452, iżda wkoll id-dritt ta' smigħ xieraq protett mill-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

8. L-appellat wieġeb fil-5 ta' Ġunju, 2024, fejn qiegħed jikkontendi li l-appell odjern huwa null u bla bażi fil-liġi, iżda anki l-premessi tiegħu huma għal kollox frivoli u vessatorji, għal dawk ir-raġunijiet li huwa jgħaddi sabiex jispjega fit-tweġiba tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkunsidra l-kwistjoni jekk is-soċjetà appellanta tassew kellha dritt li tintavola l-preżenti appell, u dan għaliex l-appellat qiegħed proprju jikkontendi li appelli jistgħu jsiru biss minn deċiżjonijiet tat-Tribunal *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

10. Il-Qorti tagħraf li skont kif ordnat li jagħmel, it-Tribunal fl-10 ta' Mejju, 2024, ippreżenta biss l-ispjegazzjoni tiegħu dwar kif wasal għall-kumpens li għandu jitħallas, u dan mingħajr ma ddeċieda xejn ġdid. Kif irrilevat fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024, kien hemm diversi indizji fid-deċiżjoni tiegħu li x'aktarx huwa straħ fuqhom sabiex wasal għas-somma tal-kumpens li ordna li għandha titħallas lill-appellat. Huwa proprju għalhekk li t-tielet aggravju tal-appell li kienet ressqet is-soċjetà appellanta quddiem din il-Qorti qabel m'għaddiet għas-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2024, kien wieħed spjegat fid-dettal u ferm dibattut. Iżda ġaladarba l-motivazzjoni tat-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kienet waħda pjuttost xotta, u ma kinitx imfissra suffiċjentement sabiex

jiġi assigurat smigħ xieraq, il-Qorti kienet talbet lit-Tribunal sabiex jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu skont kif jitlob is-subartikolu 83(1) tal-Kap. 452.

11. Iżda mill-ispjegazzjoni li ta t-Tribunal ma jista' jkun hemm l-ebda appell, għaliex dan jista' jsir biss mill-parti diżpożittiva tad-deċiżjoni. Dan huwa mfisser tajjeb fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-24 ta' Novembru, 2017, fl-ismijiet **Khalel Shekata *vs.* Isabelle Ruggier**, Appell Superjuri 215/11. Hawnhekk għandu wkoll jiġi rilevat li l-artikolu 219 tal-Kap. 12 jitlob li *'[k]ull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv',* sabiex b'hekk hija assigurata lill-partijiet iċ-ċertezza ta' dak li tkun qiegħda tiddeċiedi l-qorti. Huwa proprju għalhekk imbagħad li skont is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 id-dritt tal-appell huwa mogħti minn deċiżjoni li jkun ingħata mit-Tribunal.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**